# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 26 ta' Jannar 2023**

**Appell numru 218/20**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ramirez VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet in segwitu għat-talba tal-appellant VELLA magħmula permezz ta' rikors ta' appell datat 27 ta' Ottubru 2020 sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat li l-appellant ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talli nhar is-7 ta' Marzu 2019 u anke matul ix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

i) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni did-roga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-

Regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni did-roga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) Ikkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħazagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolo 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ottubru 2020 sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni u tal-aggravju tad-distanza u kkundannatu għal tmien xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' Ewro 1,200;

4. Rat li VELLA appella minn din is-sentenza fejn fost oħrajn ressaq talba kif ingħad ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Rat li fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Frar 2021, din il-Qorti ddifferiet il-kawża għad-data tat-23 ta' Frar 2021 sabiex l-Avukat Ġenerali jindika jekk kienx hemm impediment għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ in diżamina ai termini tal-Artikolu 13 tal-imsemmija liġi u jekk fin-negattiv, sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'rabta mal-applikabbilita' tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-istess;

6. Rat li fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021, l-Avukat Ġenerali ddikjarat li ma kienux jirriżultaw l-impedimenti taħt l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta imma talbet lill-appellant sabiex iressaq il-provi tiegħu b'rabta mal-applikabbilita' tar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Rat li permezz ta' nota intavolata mill-appellant nhar id-9 ta' Ġunju 2021, l-appellant talab li jinstemgħu bħala xhieda lil:

   i) Dr. Gayle Debono – psychologist;
   ii) Rappreżentant tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;
   iii) L-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius;
   iv) Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali
   v) L-Ispettur Mark Mercieca.

8. Rat li fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Ġunju 2021, din il-Qorti ħatret lil Dr. Kevin Sammut Henwood sabiex jipprepara relazzjoni teknika b'mod partikolari wara li jkun intervista lill-appellant VELLA u jirrelata lill-Qorti dwar l-istat u l-kundizzjoni psikoloġika attwali tiegħu nonche' dwar l-aspetti relativi għall-allegata dipendenza fuq id-droga u jekk kienx hemm xi korrelazzjoni bejn l-aspetti psikoloġiċi tal-appellant u l-konsum tal-istess drogi kif ukoll jekk irriżultax prospett ta' riabilitazzjoni mill-istess vizzju tal-abbuż mid-droga;

9. Rat li fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Novembru 2021 it-talba taħt l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet trattata.

**Ikkunsidrat**

10. L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 jippreskrivi s-segwenti:

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward tal-kwantita' ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip ta' droga jew mill-purita ma taqbiżx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantita' ta' droga li tindika lill-persuna akkużata mgħandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

a) Li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hija mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

b) Ir-reat kontra xi liġi oħra li mhiex il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hija mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
c) Li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

11. Illi huwa paċifiku li sabiex din il-Qorti tkun tista' tinqaleb f'Qorti ta' Droga, iridu jiġu sodisfatti kemm il-kriterji elenkati fis-subinċiż wieħed tal-imsemmi Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll dawk ikkontemplati fis-subinċiż numru tnejn tal-istess u dawn il-kriterji jridu jiġu **kumulativament sodisfatti**. Għaldaqstant, din il-Qorti tkun tista' tgħaddi sabiex tevalwa l-applikabbilita' o meno tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 una volta BISS l-ewwel jiġu sodisfatti l-kriterji enunċjati fis-subinċiż wieħed tal-Artikolu 8 u mbagħad **ukoll** dawk kollha elenkati fit-tieni subinċiż tiegħu, b'dawn tal-aħħar jridu jiġu sodisfatti mill-provi prodotti.

12. Illi f'dan il-każ mhemmx dubju li r-reati allegatament kommessi mill-appellant VELLA huma reati kontra l-liġijiet dwar id-droga hekk kif l-appellant ġie mixli b'reati ta' traffikar ta' droga kokajina u erojina fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet rispettivament. Jirriżulta wkoll li l-kwantita' ta' droga misjuba mill-Pulizija ġewwa r-residenza numru 5, 'Rose' Triq Mountbatten Pieta' dakinhar tas-7 ta' Marzu 2019 kienet fi kwantita' li ma taqbiżx dik indikata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk mir-relazzjoni tal-Professur Sinagra (Dok. ES) jirriżulta li fuq l-oġġetti relatati mad-droga li għaddewlu l-Pulizija sabiex jiġu eżaminati, kien hemm biss traċċi tad-droga kokajina kwindi fi kwantita' li lanqas setgħet titkejjel fi grammi tant kienet żgħira. B'hekk dan l-ewwel kriterju maħsub fl-Artikolu 8 subinċiż wieħed jidher li kien sodisfaċjentement ippruvat.

13. Illi għal dak li jirrigwarda s-subinċiż numru tnejn tal-Artikolu 8, din il-Qorti minnufih tgħaddi sabiex tikkunsidra bħala sodisfatt il-kriterju elenkat fis-subinċiż 2(b) tal-istess u dan in kwantu kif ingħad, ir-reati li ġie mixli bihom l-appellant huma reati strettament marbuta mal-ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Illi mbagħad, mix-xhieda li ta l-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius kif ukoll mir-rapport tal-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood, toħroġ stampa ċara ta' persuna – dik tal-appellant – li ilu jikkumbatti mal-vizzju tad-droga diversi snin u li din il-problema

kienet diġa' radikata fil-kwotidjanita' tiegħu meta kien għadu tfajjel ċkejken. Hekk l-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius jixhed kif huwa l-ewwel darba li għamel kuntatt mal-appellant kien fis-sena 2015 u diġa dak iż-żmien kien irriżulta li kien 'habitual user' ta' diversi tipi ta' droga b'mod partikolari ta' droga sintetika. F'paġna 297 tax-xhieda tiegħu Dorian Cornelius jgħid hekk:

> Xhud: Minn meta kien żgħir beda bil-cannabis, umbagħad minn hemmhekk evolva bis-synthetic ukoll. Kien għadu kull ma kellu erbatax -il sena meta beda jieħu l-ewwel darba d-drogi.
> Dif: U inti meta ltqajt miegħu l-ewwel darba s-Sur Vella? F'liema sena?
> Xhud: 2015.
> Dif: U fl-2015 dan li għadek kif weġibt lill-Qorti diġa' rriskontrajtu?
> Xhud: Iva ġieli ħadtlu testijiet u rriżulta pożittiv għall-cannabis ukoll. Kont ħadtlu testijiet ukoll fejn kienu rriżultaw pożittiv għal synthetic. Pero' dan l-aħħar, mill-2018 'l hawnhekk jidher li din il-problema ma għadhiex hemmhekk ta' droga.

15. Imbagħad, Dr. Kevin Sammut Henwood jagħmel is-segwenti evalwazzjoni f'paġna 8 tar-rapport tiegħu liema rapport huwa datat 26 ta' Ottubru 2021:

> Mill-evalwazzjoni klinika jidher li s-Sur Vella kellu problema akuta ta' teħid ta' droga. Fil-qosor l-esperjenzi tas-Sur Pace[1] mat-teħid ta' sustanzi bdew meta beda jagħmel użu mill-kannabis mill-eta' ta' 14 – il sena. Hawnhekk toħroġ l-influwenza ħażina tal-ħbieb li kellu dak iż-żmien u anki bħalma jsostni huwa stess metodu sabiex itaffi d-diffikultajiet tal-familja li kien jgħaddi minnhom. Huwa ukoll jidher li kien jagħmel użu mis-sustanza tal-kokaina u kannabis sintetiku kif ukoll il-kannabis. Dawn kienu kkonfermati kemm mill-imputat kif ukoll mil-bosta rapporti miktuba minn professjonisti differenti.
>
> Mit-tweġibiet, l-analiżi tar-rekords u mis-sessjonijiet jidher li s-Sur Vella jilħaq id-djanjosi ta' substance related and addictive disorder hekk if inhu deskritt fid-DSM- V, b'mod partikolari għal stimulant use disorder u cannabis use disorder jew mental and behavioural disorders due excessive multiple drug use and use of psychoactive substances: with dependence syndrome tal-ICM-10 CM, dipendenza fuq l-kannabis (F12.2) u dipendenza fuq il-kokaina (F14.2).

16. Illi għalhekk kliem l-espert maħtur minn din il-Qorti ma jħalli ebda dubju dwar il-fatt li l-appellant mgħandux sempliċement il-vizzju li jabbuża mid-droga iżda għandu dipendenza akuta f'livelli kwalifikabbli bħala 'syndrome'. Il-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood jikkwalifika din id-dipendenza ta' VELLA bħala waħda

[1] Hawnhekk din il-Qorti tinnota lapsus hekk kif fejn fir-rapport hemm referenza għas-'Sur Pac'e din kellha tkun għall-appellant Ramirez Vella.

severa anki minħabba li l-appellant kien jissodisfa bosta minn dawk il-kriterji li fuq l-iskala DSM- V jammontaw għal djanjosi ta' problema akuta ta' droga:

i) Perjodu ta' abbuż ta' droga kokajina li jeċċedi tnax -il xahar;
ii) Aptit inkontrollabbli sabiex jabbuża mid-droga;
iii) Żieda fil-konsum tad-droga tul iż-żmien minħabba żieda fit-tolleranza (dan huwa evidenti għaliex dejjem iżid fid-doża tas-sustanzi li jabbuża minnhom);
iv) Nuqqas ta' interess f'attivitajiet meqjusa normali minħabba li jkun okkupat sabiex jara li jinqeda' mid-droga; u
v) Persistenza fl-abbuż ta' droga minkejja l-konsegwenzi fuq familtu, fuq saħħtu u konsegwenzi legali.

17. Illi, għalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti tqis li jista' jingħad b'sikurezza s-segwenti:

i) Li l-appellant kien ilu bil-problema ta' dipendenza fuq id-droga sa minn l-eta' taż-żgħożija (madwar erbatax -il sena);
ii) Meta sar l-ewwel kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius fis-sena 2015, din il-problema ta' dipendenza fuq id-droga kienet għadha radikata sew fl-appellant;
iii) Meta saret l-analiżi klinika fuq l-appellant mill-espert maħtur minn din il-Qorti l-psikologu Dr. Kevin Zammit Henwood, liema rapport minnu redatt huwa datat 20 ta' Ottubru 2021, l-appellant kien ikklassifikat bħala li għadu hekk maħkum minn dipendenza akuta u severa ta' diversi tipi ta' droga soprattutto tal-cannabis;

18. Illi jkun għalhekk isegwi li meta l-appellant allegatament ikkommetta r-reati kontra l-liġijiet dwar id-droga nhar is-7 ta' Marzu 2019 u matul ix-xhur ta' qabel, huwa kien dipendenti mid-droga liema dipendenza, kif ingħad, ġie ppruvat li kienet għadha taħkmu anki snin wara li allegatament wettaq dawn ir-reati. Għaldaqstant, magħdud dan kollu, din il-Qorti tinsab sikura li l-kriterju a) enunċjat fl-Artikolu 8 subinċiż numru 2 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ampjament sodisfatt.

19. Illi għal dak li jirrigwarda s-subinċiż 2(ċ) tal-Artikolu 8, din il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk mill-provi prodotti mill-appellant jirriżultawx raġunijiet oġġettivi li jindikaw kif huwa aktarx jinfeda mill-vizzju tad-droga li ilu jaħkmu dawn is-snin kollha jew jekk għamilx progress jew sforz sostanzjali sabiex jinħeles minn din id-

dipendenza. Issa din il-Qorti rat kif mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius, l-appellant kien ilu ma jinstab pożittiv għas-sustanzi illeċiti sa mis-sena 2018, fejn qabel l-urina tiegħu kienet turi traċċi ta' konsum tad-droga cannabis u traċċi ta' droga sintetika. F'paġna 298 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid ukoll li l-aħħar li ra lill-appelant kien fil-15 ta' Ġunju 2021 u jgħid ukoll li minkejja li kien ħadlu bosta samples ta' urina, dawn irriżultaw dejjem fin-negattiv:

> Pros: Inti għidtilna li mill-2018 'l hawn jidher li ma kienx hemm problemi ta' drogi. Jiġifieri dan għadu sal-lum il-ġurnata, mill-2018 sa 2021 kien konsistenti?
> Xhud: Iva mit-testijiet tal-urina li ħadtlu minn naħa tiegħi għad-droga cannabis, eroina, kokaina u emfetamina dejjem irriżultaw fin-negattiv. Issa just biex nagħmel nota wkoll, ma jkunx infurmat meta jkun ser jittieħed is-sample. Jiġifieri jiena ninfurmah għall-appuntament pero' ma jkunx jaf jekk għall-appuntament ikunx ser jittieħed urine jew le. Jiġifieri jkunu sporadiċi u ma jkunx infurmat.

20. Jixhed ukoll Helenio Galea bħala rappreżentant tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u jixhed kif mill-admission tiegħu ġewwa l-Faċilita' lill-appellant kienu ttieħdulu madwar ħdax -il sample ta' urina u dawn dejjem irriżultaw fin-negattiv għall-preżenza ta' sustanzi illeċiti. F'paġna 308 tax-xhieda tiegħu jgħid ukoll kif l-appellant ma kellux records ta' rapporti fuq imġieba ħażina għajr 'xi ħaġa żgħira li ma kinitx imniżżla'. Mir-rapport tal-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood jirriżulta wkoll li ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin huwa attenda diversi korsijiet bħal lifeskills, music sessions, digital skills, video forum sessions, personal development sessions, employability skills, financial planning, food handling u interpersonal communicative skills. Jirriżulta wkoll minn paġna 5 tar-rapport tiegħu li l-appellant saħansitra tgħallem is-sengħa tal-installazzjoni tal-airconditions pero' li ma kienx laħaq ħadem f'dan il-qasam minħabba t-tibdil fl-istaġuni. Dr. Sammut Henwood, f'paġna 6 tar-rapport tiegħu, josserva ukoll tibdil fil-pożittiv fl-imġieba tal-appellant hekk kif fil-bidu li daħal fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin huwa kien aggressiv u kellu diversi episodji ta' ġlied ma' priġunjiera oħra u kien juri nuqqas ta' rispett lejn l-uffiċjali, attitudni li tjiebet frott terapija li huwa volontarjament kien issottoppona ruħu għaliha. L-appellant kien ibbenefika wkoll minn diversi privileġġi li jingħataw lill-priġuniera fuq imġieba tajba taħt l-iskema incentive u earned privilege scheme.

21. Illi għalhekk, l-appellant jidher li matul iż-żmien wera kambjament pożittiv fis-sens li jidher illi naqqas mhux ftit mill-konsum

tiegħu tad-droga u pprova anki jsib saqajh fis-soċjeta' permezz tal-impjieg.

22. Biss, jidher li għad hemm sforzi oħra li l-appellant irid jagħmel sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Fir-rapport tiegħu imħejji fl-20 ta' Ottubru 2021, Dr. Kevin Sammut Henwood jikkonkludi li l-problema ta' dipendenza tiegħu fuq il-kokajina kienet moderata filwaqt li dik fuq il-kannabis kienet għadha akuta. Dr. Sammut Henwood imbagħad jikkonkludi li għal dak li jirrigwarda l-konsum tad-droga cannabis, l-appellant kien għadu 'l bogħod milli juri sinjali ta' fejda għaliex l-attitudni kienet waħda ta' aċċettazzjoni tal-użu ta' din is-sustanza sabiex huwa jikkontrolla aħjar il-kundizzjoni tiegħu tal-ADHD. U li l-appellant kien jirrikorri għall-użu tal-cannabis bħala 'self-medication' sabiex jikkalma l-kundizzjoni tal-ADHD, tixhdu wkoll il-psikologa Dr. Gayle Debono f'paġna 303 tax-xhieda tagħha:

> Qorti: Ħaġa oħra, mela mediċina ma kienx qed jieħu kontra l-ADHD.
> Xhud: Le ma kienx qed jieħu.
> Qorti: Pero' intom qed tgħidu li kien jieħu sustanzi oħrajn? Cannabis u synthetic u x'naf jien.
> ..../.......
> Qorti: Naturalment. Imma dan jiġifieri s-synthetic u l-cannabis huma sostituti għall-mediċina tal-ADHD għal persuna bħalu? Jiġifieri minflok qed jieħu dan qed jieħu l-ieħor biex.
> Xhud: Self-medication.

23. U l-psikologa Dr. Gayle Debono f'paġna 305 tax-xhieda tagħha kienet ċara fi kliemha li sakemm pazjent li jbati mill-ADHD ma jieħux il-kura għaliha, din il-kundizzjoni tibqa' fuqu, ma titlaqx.

24. Illi dan ikun ifisser li din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-appellant, li huwa ċertifikat li jbati mill-kundizzjoni tal-ADHD, mhux jieħu l-mediċini li għandu bżonn sabiex din il-kundizzjoni tibqa' taħt kontroll u fl-assenza ta' dawn il-mediċini huwa jħoss il-bżonn li jirrikorri għall-użu tad-droga cannabis, b'mod partikolari. Dr. Kevin Sammut Henwood jgħid li l-appellant 'iġġustifika' l-użu tal-cannabis bħala li din is-sustanza tgħinu 'jikkowpja mas-sintomi tal-ADHD'. U huwa proprju dan is-sens ta' ġustifikazzjoni li l-appellant irid jegħleb u jaċċetta li l-vizzju tad-droga huwa ħażin. F'dan l-istadju din il-Qorti tqis li huwa pożittiv il-fatt li qatt ma rriżulta pożittiv għas-sustanzi matul il-perjodu li kien qiegħed jgħix fl-ambjent ikkontrollat fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jew matul il-perjodu li kien qiegħed jiġi segwit mill-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius, pero' issa jrid ikompli jaħdem fuq dan l-aspett ta' ħajtu

biex ma jibqax jmantni dan l-aspett tad-dipendenza tiegħu fid-dawl ta' dak mistqarr mill-esperti psikjatriċi fuq il-kundizzjoni psikoloġika tal-appellant.

25. Illi anki fil-qasam tax-xogħol, minkejja dak dikjarat mid-Difiża tal-appellant li VELLA kien sejjer jibda xogħol ma' Arapa Services Limited bħala cleaner (paġna 298 tal-atti proċesswali), prova ta' dan ma nġabitx iżda għal kuntrarju tispikka n-nuqqas ta' motivazzjoni tal-appellant li jfittex xogħol b'mod konsistenti. Hekk f'paġna 297 tax-xhieda tiegħu, l-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius jixhed hekk:

> Illum il-ġurnata qed naħdmu biex insibu xogħol. Il-motivazzjoni tax-xogħol għalkemm jixtieq jaħdem **pero' ma għandux motivazzjoni biżżejjed**[2], u jagħmel minn kollox biex isib xogħol.

26. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li l-kweżit iddettat mill-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sodisfatt in kwantu ġie pruvat kif l-appellant għamel progress sostanzjali sabiex jinħeles mid-dipendenza fuq id-droga, b'dan pero li mill-aspett mediku għad irid jaħdem fuqu nnifsu għar-raġunijiet spjegati iżjed il-fuq.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-appellant biex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u qiegħda għalhekk tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga.**

**Għalhekk qiegħda tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna l-komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

---

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.